MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 91/2002/1

**MCE Limited**

**vs**

**Mario Pickard, bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Ideal Dwellings (Turnkey) Limited u f'ismu proprju bhala garanti ta' l-istess socjeta' kummercjali Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentata mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Frar 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu flimkien in solidum bejnithom lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,845.72), Dok A, rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti ta' l-eletriku u ohrajn ancillari, mibjugha u kkonsenjati lil konvenuti fuq inkarigu taghhom stess kif jirrizulta mid-diversi invoices.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja u cioe' mid-data ta' kull invoice rispettiva sad-data tal-hlass effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Mario Pickard proprio et nomine fejn eccepixxa:

1. Illi, in linea preliminari, Mario Pickard personalment ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici u ghalhekk jitlob li jigi liberat mill-osservanza ta' gudizzju, stante illi huwa qatt ma kellu ebda relazzjoni personali, anke bhala garanti, in konnessjoni man-negozju li sar bejn is-socjetajiet kontendenti.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari hawn fuq sollevata, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artiklu 2148b tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-10 ta' Marzu 2004 fejn iddemerit il-meritu dwar l-ewwel eccezzjoni halliet impregudikat il-preskrizzjoni u ghalhekk irremettiet l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi dan l-ahhar kap;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn Mejju 2000 u Dicembru ta' l-istess sena, l-konvenut personalment kif ukoll ghan nom tas-socjeta' Ideal Dwellings Limited dahal f'negozjati mas-socjeta' attrici sabiex din ta' l-ahhar tforni merkanzija in konnessjoni max-xoghol ta' l-eletriku.

Qabel ma sar dan pero', id-diretturi tas-socjeta' Ideal Dwellings Limited u cioe' il-konvenut Mario Pickard u

Stephen Borg iffirmaw ftehim fejn huma personalment dahlu garanti ghall-pagamenti dovuti lis-socejta’ attrici ghal xoghol li setghet tixtri s-socjeta’ Ideal Dwellings Limited. Din il-garanzija qeda a fol. 18 tal-process. Safejn din il-garanzija setghet torbot lill-partijiet kontraenti, peress illi l-ewwel eccezzjoni hija li l-konvenut Mario Pickard ma kienx il-legittimu kontradittur, gie finalment deciz mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza fuq imsemmija ta’ l-10 ta’ Marzu, 2004. Ghalhek baqa’ biss il-kwistjoni ta’ preskrizzjoni kif imqajjma fl-istess eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat:

F’din l-eccezzjoni l-konvenut qieghed jippreskrivi terminu ta’ tmintax-il xahar fl-isfond ta’ l-Artikolu 2148b tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jsemmi l-prezz ta’ merkanzija, oggetti u hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut. Dan l-artikolu ,huwiex qieghed in kontroversja, pero’ s-socjeta attrici qeda tghid illi kien hemm ammissjoni da parti ta’ Mario Pickard u ghalhekk il-preskrizzjoni giet interrotta.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghax-xhieda ta’ l-istess Pickard a fol. 51 fejn jghid, "Ahna ftehmna mas-socjeta’ attrici li l-pagament li kien ghad fadlilna biex inhallsuha kellna nissaldaw permess ta’ sistema ta’ barter ma’ kwalunkwe xoghol illi naghmlu ahna. … Ghaddew sena u nofs u kull darba konna nghidulhom jekk tridu taqtghu mill-kont biex isibuna imma qatt ma gew b’risposta." Barra minn hekk, permezz ta’ ittra datata 3 ta’ Jannar, 2002 [fol. 56] l-avukati tas-socejta’ Ideal Dwellings Limited baghtu jinfurmaw lis-socjeta’ attrici illi, "…Every possible endeavour will be made to honour its commitments." Jidher li l-konvenut u s-socjeta’ tieghu ppretendew illi huma kellhom jinghataw *tender* ghall-xogholijiet illi gew kommissjonati mis-socjeta’ attrici u meta ma nghatawx dan it-*tender*, allura dehrilhom illi ma kellhomx ihallsu. Fil-fatt, l-istess Mario Pickard jghid illi kien jaf li fil-fatt it-*tender* inghata lil haddiehor u jkompli jghid, "Kieku taw it-*tender* lilna konna naqtghu dak il-kont zgur."

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-konvenut u s-socjeta’ tieghu rrifjutaw illi jhallsu l-ammont lis-socjeta’ attrici l-ghaliex hadu ghalihom meta *tender* ghal xi bicca xoghol inghatat lil haddiehor. Ivor Puglisevich, direttur tas-socjeta’ attrici xehed illi dan ix-xoghol ma nghatax lill-konvenut peress illi kkwota prezzijiet gholjin hafna u ghalhekk iddeciedew illi jghatuh lil haddiehor. Pero’ dan id-diskors minn Mario Pickard, juri bic-car illi huma jirrikonoxxu illi ghandhom jaghtu l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici, liema ammont "per se" mhuwiex ikkontesta.

Fil-kawza riportata fil-Vol.XXX PI p101 ingahd, "Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni ghandha tigi ppruvata b’mod car u konkludenti; u ma tistax tigi ammessa meta hija bazatat fuq atti u fatti li mhumiex univoci u jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi."

L-istess fil-kawza fl-ismijiet Conservatorio Vincenzo Bugeja vs Michael Zarb nomine deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Jannar 1995 fejn il-Qorti qalet illi l-perijodu preskrittiv jigi nterrott meta d-debitur jirrikonoxxi d-debitu favur il-kreditur anki meta d-dejn ma jkunx likwidat u ammissjoni bhal din tikkonstitwixxi rinunzja ghall-effetti ta’ presrizzjoni." [Ukoll Appell Silvio u Catherina Frendo vs Andrew Faenza deciza fit-2 ta’ Gunju 2000.]

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ma hemm xejn univoku mid-dikjarazzjoni ta’ Mario Pickard. Dana mhuwiex qieghed jikkontesta l-fatt li hu u s-socjeta’ tieghu ghandhom jaghtu flus lis-socjeta’ attrici. L-unika oggezzjoni hija li ma giex attwat ftehim ta’ tpartit li dehrlu li kellu jsir bejn iz-zewg socjetajiet. Dan pero’ ghal fini ta’ preskrizzjoni ma taffettwax il-kwistjoni legali meta tirrizulta ammissjoni cara ta’ l-ammonti mitluba mis-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut pro et nomine.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenut pro et nomine.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------